MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 39/2018 LM

**Maged Nasrallah**

***vs.***

**Mustafa Abuseadah (K.I. 319503L)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-11 ta' Jannar, 2018 mill-attur **Maged Nasrallah** (K.I. 0305000L) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fid-9 ta' Mejju 2016, ġewwa x-Xatt Lascaris, Valletta, għall-ħabta tan-12.30pm, l-attur ġie mtajjar minn vettura misjuqa mill-konvenut meta dan kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Peugeot 307 bin-numru ta' reġistrazzjoni MU (DBW-018);*

2. *Illi l-attur indarab gravement, u kien ukoll fil-periklu tal-mewt, minħabba imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;*

3. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur sofra diżabilità permanenti fuq persuntu;*

4. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

5. *Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fid-9 ta' Mejju 2016, ġewwa x-Xatt Lascaris, Valletta għall-ħabta tan-12.30pm fejn l-attur ġie mtajjar minn vettura misjuqa mill-konvenut meta dan kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Peugeot 307 bin-numru ta' reġistrazzjoni MU (DBW-018) seħħ tort unikament tal-konvenut u dan minħabba imperizja u negliġenza da parti tiegħu;*

2. *Tiddikjara illi minħabba dan l-inċident, l-attur sofra danni;*

3. *Tillikwida d-danni hekk sofferti, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

4. *Tordna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-imgħax u l-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Abuseadah Mustafa** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-12 ta' Frar, 2018, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi l-intimat jiċħad ir-responsabbilità għall-inċident li seħħ fid-9 ta' Mejju 2016 ġewwa x-Xatt Lascaris, Valletta, peress illi l-istess inċident seħħ unikament minħabba t-traskuraġni u imperizja da parti tal-attur Nasrallah Maged;*

2. *Illi għaldaqstant l-ebda ammont m'għandu jiġi llikwidat favur l-attur;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur irid jipprova d-danni realment subiti minnu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li hu minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fid-9 ta' Mejju, 2016, f'Xatt Lascaris, l-Belt Valletta l-attur kien qiegħed jaqsam il-parti tat-triq viċin ir-*roundabout* f'Tal-Liesse, u spiċċa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenut. B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur indarab gravament u għamel żmien rikoverat l-isptar, fejn għamel sitt ġimgħat fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar, u llum il-ġurnata qiegħed isofri minn diversi debilitajiet, tant hu hekk tilef id-dawl kompletament minn għajn waħda, u tilef il-vista b'mod konsiderevoli wkoll mill-għajn l-oħra. Fil-fatt konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, l-attur huwa meqjus mil-lat mediku li għama għalkollox. Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-

kawża, u qiegħed jitlob ukoll lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnu b'konsegwenza tal-istess inċident. Min-naħa tiegħu l-konvenut jiċħad ir-responsabbilità għall-inċident u jsostni li l-imsemmi inċident seħħ unikament minħabba t-traskuraġni u imperizja da parti tal-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-Rikors Maħluf, l-attur ippreżenta kopja tal-*case summary* li ġie maħruġ meta ġie rilaxxjat mill-Isptar Mater Dei fl-20 ta' Ġunju, 2016[1], fejn jirriżulta li l-attur kellu bżonn diversi interventi u proċeduri mediċi konsegwenza tal-inċident inkwistjoni. L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident inkwistjoni[2], b'dettalji dwar kif seħħ l-inċident, u fejn jingħad li meta l-attur iddaħħal l-isptar kien f'qagħda kritika u kien fil-periklu li jitlef ħajtu.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2018, xehed **Lawrence Bugeja**, mill-Isptar Mater Dei, li esebixxa kopja tal-*file* mediku tal-attur.[3] Minn din id-dokumentazzjoni li ġiet esebita, jirriżulta li kellhom isiru għadd ta' interventi fuq l-attur biex ġie mogħti kura għall-ġrieħi li sofra b'konsegwenza tal-imsemmi inċident.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2018 xehed **Mark Gauci**[4], li jaħdem bħala infermier fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar, u dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni kien jifforma parti mit-tim mediku li kien fl-ambulanza li ssejħet sabiex tassisti lill-attur. Ix-xhud qal li kien mar fuq il-post tal-inċident, barra

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] *A fol.* 12 tal-proċess.
[3] *A fol.* 27 sa 530 tal-proċess.
[4] *A fol.* 531 tal-proċess.

mill-mina ta' Victory Gate, il-Belt Valletta, fejn kien hemm l-attur mal-art, bid-demm ħiereġ minn wiċċu, li mbagħad ittieħed l-Isptar Mater Dei. Ix-xhud iddeskriva l-ġrieħi gravi li kellu f'wiċċu l-attur billi qal li:

> "... kien hemm *malformation* indikattiva, *blunt trauma to the face* u dawk li kienu *injuries* ovvji apparti *loss of blood found on the floor. Injuries* esterni oħra ma niftakarx, ovvjament hemmhekk *internally on site* ma tistax tara allura *he has to be assessed in hospital."*

Ix-xhud qal li l-attur kien ittajjar minn vettura, u din il-vettura kellha ħsara fil-parti tax-xellug tagħha, qrib il-fanal fuq il-*mudguard.* Żied jgħid li din il-vettura kienet ftit 'l isfel minn fejn instab l-attur, man-naħa tal-baħar. Ix-xhud qal ukoll li hu ma jafx jekk fl-inħawi hemmx *pedestrian crossing* jew lights.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2018 xehdet l-**Ispettur Priscilla Caruana Lee**[5], li qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, hi kienet ġiet infurmata mis-surġent li mar fuq il-post, li kien seħħ inċident tat-traffiku fejn persuna ttajret fix-Xatt ta' Lascaris. Ix-xhud qalet li meta marret fuq il-post tal-inċident kien hemm vettura bin-*number plate* MU tal-għamla Peugeot 307, u l-persuna li ġiet mtajra kienet laħqet ittieħdet l-isptar. Ix-xhud qalet li mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li x-xufier tal-vettura kien il-konvenut Mustafa Abuseadah. Ix-xhud żiedet tgħid li peress li l-vittma tal-inċident kien fil-periklu li jitlef ħajtu, hija kienet infurmat lill-Maġistrat tal-Għassa sabiex issir inkjesta. Ix-xhud qalet li hija kienet ħarġet l-akkużi kontra l-konvenut. Ix-xhud qalet li fl-investigazzjoni kien ġie stabbilit li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ġejja min-naħa ta' Victoria Gate fid-direzzjoni lejn il-Waterfront, u l-inċident seħħ hekk kif il-konvenut dar bil-vettura tiegħu mar-*roundabout* ta' Liesse qabel jidħol għal ġol-mina, x'ħin lemaħ lill-attur, laqtu u wara għafas il-*brake* u

---

[5] *A fol.* 537 tal-proċess.

waqaf bil-karozza ftit ’il bogħod mill-attur. Qalet ukoll li meta l-Pulizija tkellmet mal-konvenut, dan kien qal li kien biss wara li tajjar lill-attur, li kien għafas il-pedala tal-brejkijiet tal-vettura tiegħu. Ix-xhud qalet li z-*zebra crossing* li hemm fl-inħawi hija dik ħdejn id-daħla li tagħti għal-lifts li jwasslu għall-Barrakka, u għalhekk wieħed irid jimxi t-tul tal-mina kollha biex jasal għaliha.

L-Ispettur Caruana Lee esebiet kopja ta’ ittra li kienet bagħtet lill-Maġistrat tal-Għassa fid-9 ta’ Mejju, 2016, fejn infurmatha bl-inċident inkwistjoni[6], kopja tar-rapport tal-Pulizija fir-rigward tal-inċident inkwistjoni[7], u kopja tat-taħrika li hija ħarġet lill-konvenut fejn ġie akkużat li waqt li kien qiegħed isuq jew kellu kontroll tal-vettura tal-għamla Peugeot 307 bin-numru ta’ reġistrazzjoni MU (DBW-018), b’nuqqas ta’ ħsieb, traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, ikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna tal-attur, talli saq il-vettura inkwistjoni b’manjiera traskurata, bla kont u perikoluża, u talli ma tax attenzjoni speċjali għall-*pedestrians* li kienu qegħdin jaqsmu t-triq.[8]

L-attur **Maged Nasrallah** xehed waqt l-udjenza tal-24 ta’ April, 2018[9], fejn qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta’ dawn il-proċeduri, kien qiegħed jieħu kafè flimkien ma’ ħabib tiegħu jismu Ramsey, qrib ir-*roundabout* li twassal għall-mina ta’ Victoria Gate, ftit wara l-għaxra u nofs ta’ filgħodu. L-attur qal li qabel seħħ l-inċident huwa kien jara perfettament, u l-*visual impairment* li sofra f’għajnejh kienet konsegwenza ta’ dan l-inċident. L-attur żied jgħid li kien ilu Malta madwar ħamsa u għoxrin sena, u matul dawn is-snin ħadem bħala xufier. Qal li konsegwenza tal-inċident kien għamel perijodu ta’ madwar sitt

[6] *A fol.* 543 tal-proċess.
[7] *A fol.* 544 tal-proċess.
[8] *A fol.* 549 tal-proċess.
[9] *A fol.* 553 tal-proċess.

ġimgħat rikoverat fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar, u ma jiftakarx x'ġara matul dan il-perijodu. L-attur qal li mindu seħħ l-inċident, tilef id-dawl minn għajn waħda u l-għajn l-oħra baqgħet difettuża, tilef uħud minn snienu, u qiegħed isofri menomazzjonijiet fis-sensi tax-xamm, tat-togħma u fin-nervituri. L-attur qal li qabel seħħ l-inċident kien jaħdem bi qligħ, filwaqt li wara li seħħ l-inċident spiċċa jgħix bil-pensjoni tad-diżabilità. L-attur qal ukoll li għandu self bankarju li kien ħa biex seta' jixtri l-proprjetà tiegħu, u mill-pensjoni li qiegħed jirċievi bħalissa ma jistax iħallas għal dan is-self. L-attur spjega kif dakinhar li seħħ l-inċident, l-ewwel sema' l-ħoss tal-magna tal-vettura li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenut, u wara raha ġejja fid-direzzjoni tiegħu. Dwar id-dinamika tal-inċident, l-attur spjega li huwa kien qiegħed fuq il-bankina, jitkellem ma' ħabib tiegħu fuq in-naħa l-oħra tat-triq, meta ddeċieda li jaqsam it-triq. Qal li kien laħaq għamel biss żewġ passi meta min-naħa l-oħra tat-triq ra vettura ġejja, idddeċieda li jgħaġġel il-pass għaliex ħaseb li ser jiskappa l-vettura li kienet ġejja b'veloċità, u dak il-ħin ġie mtajjar.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2018, xehed **Ramzi Saad Gergis**[10] li qal li dakinhar li seħħ l-inċident fid-9 ta' Mejju, 2016, hu kien mar jieħu kafè mal-attur, f'bar fix-xatt tal-Belt. Qal li xħin lestew, huwa qabad it-tazzi u mar idaħħalhom ġewwa, filwaqt li l-attur baqa' barra, u kien ser jaqsam it-triq. Qal li xħin l-attur kien wasal fin-nofs tat-triq, u x-xhud kien għadu ser jinżel minn fuq il-bankina, ra vettura ġejja mid-direzzjoni opposta b'veloċità qawwija bil-magna rreżjata, u mal-impatt ra lill-attur jogħla mill-art u jispiċċa fl-art. Ix-xhud qal li s-sewwieq tal-vettura il-*brake* għafsu biss wara li kien tajjar lill-attur. Wara li l-attur safa mtajjar, is-sewwieq tal-vettura laħaq saq ftit ieħor, u kien biss f'dak il-mument li sema' l-ħoss tal-brejkijiet. Ix-xhud qal li l-attur kien

---

[10] *A fol.* 573 tal-proċess.

raġel miżżewweġ u qabel l-inċident kien jaħdem, u wara l-inċident ħajjet l-attur inbidlet kompletament partikolarment għax tilef id-dawl t'għajnejh kompletament. Ix-xhud qal li wara li seħħ l-inċident, il-konvenut niżel mill-vettura tiegħu u beda jgħajjat mal-attur, li kien mixħut fl-art kollu demm. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-inċident seħħ filgħodu, u dak il-ħin it-triq kienet vojta. Ix-xhud qal ukoll li fil-ħin meta seħħ l-inċident, l-attur kien għadu kif beda jaqsam it-triq, u hu kien żewġ passi warajh. Qal li hu ħares lejn it-triq biex jara setax jaqsam, meta fid-daqqa u l-ħin sema' l-ħoss ta' vettura misjuqa mill-konvenut u raha ġejja mill-bogħod. Ix-xhud spjega li hu u l-attur kienu ser jaqsmu mill-parti tat-triq qabel il-mina, min-naħa tal-baħar, u meta l-attur kien wasal f'nofs it-triq u ra l-vettura misjuqa mill-konvenut ġejja b'ċerta veloċità, ipprova jiskappaha, iżda l-konvenut baqa' jagħfas il-gass, u spiċċa tajru. Ix-xhud żied jgħid li hu kien jiffrekwenta l-bar inkwistjoni b'mod regolari, u l-vettura tiegħu spiss kien iħalliha pparkjata fl-istess post.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2018 xehdet **Charlene Incorvaja**, *payroll coordinator* ma' Malta Public Transport Limited[11], li qalet li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, l-attur kien impjegat ma' Malta Public Transport Limited. Din ix-xhud ippreżentat kopji tal-*payslips* u tal-FS3s tal-attur għas-snin 2012, 2013, 2014 u 2015.[12]

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Johanna Bartolo**, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc[13], li qalet li l-attur għandu faċilità ta' self bankarju permezz ta' kont li kien infetaħ fit-13 ta' Mejju, 2013, u l-pagamenti f'dan il-kont huma

[11] *A fol.* 590 tal-proċess.
[12] *A fol.* 592 *et seq.* tal-proċess.
[13] *A fol.* 698 tal-proċess.

weqfin. Qalet li l-aħħar depożitu ta' €285.01 f'dan il-kont sar fis-27 ta' Lulju, 2017.[14]

Permezz ta' nota ppreżentata fid-19 ta' Novembru, 2018[15], il-konvenut ippreżenta kopja tal-*proces verbal* li sar mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Marse-Ann Farrugia[16], vera kopja tal-*motor claim insurance form*[17], u l-*affidavit* tal-konvenut.[18]

Minn dak li jirriżulta mill-atti tal-*proces verbal,* u speċifikament mir-relazzjoni tal-**Perit Richard Aquilina**[19], l-inċident mertu tal-kawża seħħ ftit qabel id-daħla tal-mina ta' Lascaris Wharf, fil-Belt Valletta, fid-direzzjoni lejn il-Furjana. L-espert **Joe Zammit**[20] qal li l-inċident seħħ fit-tarf tan-niżla Ta' Liesse eżatt qabel ma tidħol fil-mina ta' Lascaris, meta l-vettura tal-konvenut kienet ġejja mid-direzzjoni ta' Victoria Gate u l-pedestrian kien qed jaqsam it-triq min-naħa tal-knisja, sejjer lejn il-baħar. L-espert Joseph Zammit stabbilixxa li mill-*brake marks* li l-vettura tal-konvenut ħalliet fuq il-post, irriżulta li s-sewwieq għafas il-pedala tal-brejkijiet wara li kien laqat lill-attur. Dan l-espert għamel sensiela ta' eżamijiet tekniċi fuq il-vettura tal-konvenut, u rriżultalu li ma kellha l-ebda ħsara teknika li minħabba fiha seta' jseħħ l-inċident. Il-Perit Richard Aquilina sostna li ladarba l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qiegħda ddur mar-*roundabout,* din ma setgħetx kienet qiegħda tinstaq b'veloċità qawwija. Abbażi ta' dawn il-konstatazzjonijiet tal-Perit Richard Aquilina u ta' Joseph Zammit, il-Maġistrat Inkwirenti kkonkludiet li l-konvenut

[14] Kopja tal-*istatement of account a fol.* 700 tal-proċess.
[15] *A fol.* 718A tal-proċess.
[16] *A fol.* 719 tal-proċess.
[17] *A fol.* 726 tal-proċess.
[18] *A fol.* 730 tal-proċess.
[19] *A fol.* 721 tal-proċess.
[20] *A fol.* 722-723 tal-proċess.

m'għandu l-ebda responsabbilità kriminali li jrid iwieġeb għaliha b'konsegwenza tal-inċident imsemmi.

Fl-*affidavit* tiegħu l-konvenut **Mustafa Abusedah**[21] qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien nieżel mill-għolja magħrufa bħala Ta' Liesse, u ħareġ minn fuq *stop sign* li qiegħda viċin il-knisja Ta' Liesse. Żied jgħid li ħin minnhom huwa waqaf għalkollox biex jara jekk kinux ġejjin vetturi mill-mina ta' faċċata jew minn Quarry Wharf. Il-konvenut żied jispjega li hu kien fi ħsiebu jdur mat-tieni *exit* biex jgħaddi minn taħt il-mina fid-direzzjoni tal-Valletta Waterfront tal-Belt, u hekk kif kien qiegħed idur mar-*roundabout* ra persuna tiġri b'tali mod li ħaseb li kienet qiegħda tiġri lejn id-direzzjoni tal-vettura tiegħu. Il-konvenut qal li hu qatt ma stenna li persuna ser taqsam minn dik il-parti tat-triq, eżattament minn mal-*exit* tar-*roundabout,* u minkejja li ma kienx qiegħed isuq b'veloċità qawwija, xorta waħda ma kellux ħin jagħfas il-*brake.* Il-konvenut qal li ma jafx kemm kienet il-veloċità li kien qiegħed isuq biha, iżda żied jgħid li ma setgħetx kienet aktar minn għoxrin kilometru fis-siegħa, peress li kien qiegħed idur mar-*roundabout.* Il-konvenut qal li għafas il-pedala tal-*brakes* tal-vettura tiegħu wara li kien tajjar lill-attur u mhux qabel. Il-konvenut qal ukoll li kien hu li ċempel għall-assistenza tal-Pulizija għax ma kien hemm ħadd viċin l-attur li seta' jagħtih l-għajnuna.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2019, il-Qorti ħatret lil **Mr Mario Vella** bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident fuq saħħet l-attur u jekk konsegwenza tal-imsemmi inċident dan ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad. Ir-rapport tal-espert ġudizzjarju

[21] *A fol.* 730 tal-proċess.

ġie maħluf u ppreżentat fl-atti ta' din il-kawża fl-24 ta' Jannar, 2019.[22] L-espert ġudizzjarju kkonkluda li l-attur kellu *severe perforation* f'għajnu tal-lemin, u għal din ir-raġuni għajn l-attur kellha tinqala' u tinbidel ma' għajn prostetika. Mr Mario Vella qal li l-attur sofra telf sostanzjali fil-vista ta' għajnu tax-xellug ukoll, u minħabba f'hekk għandu bżonn jagħmel użu minn bastun abjad sabiex jgħinu jikkoordina l-movimenti tiegħu. L-espert ġudizzjarju kkonkluda li l-attur għandu biss ħamsa fil-mija (5%) *residual vision* fl-għajn tax-xellug, li tammonta għal diżabilità viżwali ta' 96.25%.

Il-konvenut ippreżenta għadd ta' domandi in eskussjoni tal-espert mediku ġudizzjarju Mr Mario Vella.[23] Fir-risposti tiegħu l-espert mediku ġudizzjarju Mr Mario Vella qal li sabiex ikun jista' jistabbilixxi kemm hija r-rata ta' debilità permanenti globali sofferta mill-attur, huwa jkollu jagħmel għadd ta' testijiet mediċi oħra, għalkemm qal li l-attur jista' jitqies li minħabba fl-inċident inkwistjoni spiċċa għama:

> *".. I cannot give a global percentage disability as this will involve assessing the motor, sensory and neurological ability of the patient together with his mental state and this does not fall within my expertise. Therefore I can only give the visual disability of 96.25% as worked out by the formula provided in my original certificate which was provided by the court from previous cases. The residual vision that this patient has would certify him as being legally blind."*

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Fl-ewwel lok il-Qorti ser tiddeċiedi jekk l-attur għandux jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, fejn l-attur safa mtajjar mill-vettura misjuqa

[22] *A fol.* 740 tal-proċess.
[23] *A fol.* 744 tal-proċess.

mill-konvenut. Mill-provi jirriżulta li dan l-inċident seħħ fid-9 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tan-12:30p.m. fix-Xatt ta' Lascaris, fil-Belt Valletta, meta l-attur kien qiegħed jipprova jaqsam it-triq, niżel il-bankina, u waqt li kien għadu qiegħed jaqsam, sema' ħoss ta' vettura ġejja mid-direzzjoni opposta, li hu jgħid li kienet qiegħda tinstaq b'veloċità eċċessiva, u minkejja li pprova jiġri sabiex jirnexxielu jiskappa l-vettura, spiċċa mtajjar minnha. L-attur qal li ma jiftakarx x'ġara fil-mumenti wara li seħħ l-inċident, peress li kien għamel perijodu ta' sitt ġimgħat rikoverat fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar, u meta qam mill-*induced coma* li kien fiha, irrealizza li kien tilef id-dawl t'għajnejh, għax għajn minnhom intilfet kompletament, filwaqt li mill-għajn l-oħra jara biss ċpar. Tant hu hekk l-attur jagħmel użu minn bastun abjad sabiex jgħinu fil-movimenti tiegħu ta' kuljum. Mill-provi rriżulta wkoll li apparti t-tnaqqis fil-vista, l-attur qiegħed isofri wkoll minn diversi debilitajiet oħra b'konsegwenza tal-imsemmi inċident.

Mill-provi jirriżulta wkoll li kien biss wara li l-konvenut tajjar lill-attur, li dan għafas il-pedala tal-brejkijiet tal-vettura li kien qiegħed isuq. L-esperti tekniku Joseph Zammit maħtur sabiex jassisti lill-Maġistrat Inkwirenti, ikkonstata li l-vettura misjuqa mill-konvenut ma kellha l-ebda ħsara teknika. L-espert tekniku Zammit qal li l-konvenut ma setax kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva ladarba dan kien qiegħed idur ma' *roundabout.* Madanakollu, tenut kont tal-konsegwenzi li ħalla l-inċident inkwistjoni, lanqas hija verosimili l-verżjoni tal-konvenut fejn qal li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu b'veloċità li ma kinitx teċċedi l-għoxrin kilometru fis-siegħa. Il-konvenut qal li minħabba l-pożizzjoni tar-*roundabout* u l-mod kif inhi ffurmata t-triq inkwistjoni, huwa ma kellux viżwal tajjeb tal-parti tat-triq minn fejn ipprova jaqsam l-attur, tant hu hekk lemaħ lill-attur meta kien tard wisq biex jipprova jevitah. Il-konvenut

iddeskriva l-mument meta induna li l-attur kien qiegħed jaqsam it-triq, billi qal li ħaseb li l-attur kien qiegħed jiġri lejn il-vettura tiegħu. Hawnhekk ukoll il-Qorti ma tara l-ebda verosimiljanza f'dak li ntqal mill-konvenut, tenut kont ta' dak li xehed l-attur li hekk kif induna li l-vettura tal-konvenut kienet qiegħda tinstaq fid-direzzjoni tiegħu b'ċerta veloċità, hu pprova jiġri sabiex jevitaha, u għalhekk żgur li ma ġeriex fid-direzzjoni minn fejn kienet ġejja l-vettura tal-konvenut. Il-fatt li l-konvenut għafas il-pedala tal-*brake* wara li tajjar lill-attur, jindika li l-konvenut ma kienx qiegħed iżomm dik il-*proper lookout* li kull sewwieq hu mistenni li jżomm fit-triq, 'il għaliex li kieku dan tabilħaqq kellu għarfien ta' x'kien qiegħed iseħħ fil-madwar, huwa kien jirnexxilu jikkontrolla l-vettura jew iwaqqafha fil-ħin.

L-obbligu li sewwieq iżomm *proper lookout* ingħata tifsira f'diversi insenjamenti ġurisprudenzjali tal-Qrati tagħna. Hekk pereżempju f'deċiżjoni fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J.M. Laferla**[24], il-Qorti qalet li:

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

F'deċiżjoni mogħtija minn Qorti barranija, spiss iċċitata mill-qrati lokali hija dik fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[25] fejn l-obbligu li s-sewwieq iżomm *'a proper lookout'* ġie mfisser b'dan il-mod:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

[24] Qorti tal-Appelli Kriminali, 17.06.1961.
[25] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[26]:

> "*Driver* ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

F'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[27], il-Qorti għamlet riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali, sabiex stabbiliet li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li għandu jwieġeb għalih is-sewwieq:

> "Illi fir-rigward ta' *proper lookout* dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu '*an awareness of his immediate vicinity'* u ċioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri *vs* R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea *vs* Oresta Sammut** App. 5/10/98; **Dr Remigio Zammit Pace *vs* C. Grima,** App. Inf. 16/05/97; **A. Gatt *vs* M. Shephard**, App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali."

Il-Qorti tqis li l-inċident mertu tal-kawża seħħ għax il-konvenut ma kienx qiegħed iżomm il-*proper lookout* rikjesta sabiex ikun f'qagħda li jista' jirreaġixxi fil-pront jekk tinqala' xi ħaġa imprevista, bħal f'dal-każ meta s-sewwieq irrealizza li kien hemm persuna li qiegħda tipprova taqsam it-triq u

[26] Qorti tal-Appelli Kriminali, 21.05.1960.
[27] P.A., 01.03.2001.

ma setax jirreaġixxi malajr biżżejjed biex jevita li jolqotha. Huwa minħabba f'hekk li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni kkaġunati lill-attur u għandu jinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni. Filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li l-konvenut ma nstabx ħati li wettaq xi reat kriminali, u ma ttieħdu l-ebda proċeduri kriminali kontrih f'dan ir-rigward. Madanakollu l-grad tal-prova fi proċeduri ċivili huwa differenti mill-grad tal-prova rikjest fi proċeduri kriminali. Filwaqt li l-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li saret, jistgħu jitqiesu bħala prova fil-proċeduri odjerni, madanakollu l-indaġini li trid tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri hija għalkollox indipendenti minn kull investigazzjoni oħra li setgħet saret minn xi qorti oħra dwar l-istess fatti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Mary Ann Borg noe *vs.* Korporazzjoni Enemalta et**[28], intqal illi:

> "Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili li huma indipendenti minn xulxin[29], u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mhumiex konklussivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili.[30] Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru tal-prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kull prova ammissibbli oħra iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali."

Fil-kamp ċivili kolpa tfisser nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' *bonus paterfamilias,* kif stipulat fl-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti tqis li l-konvenut ma żammx *a proper look out* sabiex ikun f'qagħda li jkollu kontroll sewwa tal-vettura u jevita li jtajjar lill-attur.

---

[28] Q.A., 31.01.2011.
[29] L-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali.
[30] **Carmelo Micallef St John et *vs.* Richard Spiteri et,** Appell Ċivili, 15.01.2002.

Hekk stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità tal-konvenut għall-inċident mertu tal-kawża, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

*Damnum Emergens:*

L-attur ma ressaq l-ebda prova ta' xi forma ta' danni materjali sofferti minnu b'konsegwenza tal-inċident, u għalhekk il-Qorti qiegħda tqis li l-attur m'għandu l-ebda pretensjoni f'dan ir-rigward.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[31], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[32], intqal illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-

[31] P.A., 18.02.2013.
[32] P.A., 27.04.2005.

*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Mill-provi jirriżulta illi fiż-żmien meta seħħ l-inċident, l-attur kien jaħdem bħala xufier mat-trasport pubbliku, u fis-sena 2014 kellu introjtu gross ta' €26,550.[33] Mill-provi ma jirriżultax kemm kien l-introjtu tal-attur għas-sena 2015, li hija s-sena meta seħħ l-inċident, peress li l-FS3 għal din is-sena tkopri biss numru ta' xhur u mhux is-sena kollha. Il-Qorti ser tuża s-salarju tal-attur għas-sena 2014 għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*. Mill-ammont gross ta' €26,550, għandha titnaqqis tat-taxxa mħallsa mill-attur fl-ammont ta' €2,733, u tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali fl-ammont ta' €1,373, sabiex b'hekk id-dħul nett tal-attur għas-sena 2014 kien ta' €22,444. Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[34], sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien ser jipperċepixxi kieku baqa' fl-istess impjieg, fis-somma ta' €22,444 + €25,128.30 / 2 = €23,786.15.[35]

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm f'dan il-każ, ladarba l-partijiet qablu fuq *multiplier* ta' 13, il-Qorti sejra tadotta l-multiplier li qablu dwaru l-partijiet fil-kawża għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

---

[33] *A fol.* 601 tal-proċess.

[34] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

[35] Ir-rata tal-inflazzjoni medja għas-snin 2014-2018 hija ta' 0.92% (2014: 0.31; 2015: 1.10%; 2016: 0.64%; 2017: 1.37; 2018: 1.16% / 5 = 0.92%). Sors : Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward Restall**[36], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern inqalgħet diffikultà dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur, peress li l-espert mediku ġudizzjarju Mr Mario Vella stabbilixxa li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' 96.25% *visual disability,* għalkemm żied jgħid li dan il-grad ta' debilità ma jinkludix il-kalkolu ta' kemm huwa l-grad ta' debilità sofferta mill-attur f'partijiet oħra ta' ġismu, bħall-ħsara li sofra fin-nervituri. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Martin Xerri *vs.* Joseph Rapa et**[37], fejn inkiteb li:

> *"An impairment is a deviation in a body part or system and its functioning. Disability must be defined as an alteration of an individual's capacity to meet personal, social or statutory demands, or statutory or regulatory requirements,*

[36] P.A., 10.05.2005.
[37] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, 10.08.2009.

*because of an impairment ... A disability arises out of the interaction between impairment and external requirements, especially those of a person's occupation. Disability may be thought of as the gap between what the individual can do and what the individual needs or wants to do.* (***Understanding the AMA Guides in Workers' Compensation,*** S. Babitsky u J. Magraviti, paġna 1-10).[38]

Hu minnu li fil-kawża **Michael Butler *vs* Christopher Heard**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Diċembru 1967, ġie dikjarat li, "... dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex is-sens ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda **l-effett illi l-ħsara personali tħalli fuq il-qligħ tad-danneġġat.** Jidher li llum il-ħsara personali li ġarrab il-konvenut ma ħallietx effett fuq il-qligħ attwali tal-attur, tant li reġa' beda jaħdem fl-istess impjieg.
...
Però b'daqshekk ma jfissirx li l-menomazzjoni li sofra l-attur ma jistax ikollha impatt negattiv sabiex fil-futur isib xogħol ieħor. Mhemmx dubju li l-mankament li sofra l-attur hu gravi, l-iktar meta wieħed iqis li tilef l-użu ta' għajnejh il-leminija. Debilità li għandha effett ukoll fuq l-attività li jagħmel fil-ħajja ta' kuljum. Il-ġurisprudenza jidher li hi konkordi li, "illum huwa ġeneralment rikonoxxut li, kull diżabilità, anke jekk fl-apparenza ma għandha ebda effetti fuq il-kapaċità lavorattiva ta' dak li jkun, xorta waħda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jiġi eskluż l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal. (**George Borg et noe *vs* Anthony Borg et,** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fl-20 ta' Ottubru 2008)."

Il-Qorti tqis li minkejja li ma ġiex stabbilit mill-espert ġudizzjarju Mr Mario Vella kemm kienet id-debilità permanenti sofferta mill-attur, għajr li dan qiegħed isofri minn *visual disability* ta' 96.25%, liema rata mhix rappreżentattiva tad-debilitajiet permanenti totali sofferti mill-attur. Madanakollu huwa fatt mhux kontestat li konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, l-attur tilef id-dawl ta' għajnejh it-tnejn. Dan ifisser li konsegwenza tal-imsemmi incident l-attur mhux biss tilef l-impjieg tiegħu, u huwa ukoll ferm limitat fl-għażla ta' impjiegi li jista' jaħdem fihom, imma spiċċa wkoll fi stat fejn dan kellu jadatta ruħu u jfittex l-għajnuna sabiex ikun jagħmel l-affarijiet tal-ħajja ta' kuljum minħabba fid-diżabilità permanenti li spiċċa jsofri minnha.

[38] **Wolters Kluwer Law and Business**, Raba' Edizzjoni (2008).

Il-Qorti tagħmel riferiment għal deċiżjoni riċenti fl-ismijiet **Dax Fernandes *vs.* Thomas Barr**[39], fejn ġie stabbilit li f'każ ta' persuna li tilfet id-dawl minn għajn waħda, ir-rata ta' diżabilità permanenti sofferta hija ta' 25%. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ għandha tadotta rata ta' debilità permanenti ta' 85% peress li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, l-attur tilef l-użu ta' għajnejh it-tnejn u spiċċa għama.[40]

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'pagament ta' darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata l-kawża u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2018 u ma kien hemm l-ebda titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Il-Qorti tqis ukoll li f'dan il-każ hemm tnaqqis ieħor li jrid isir mill-ammont ta' kumpens li ser jiġi kkomputat favur l-attur u ċjoè l-benefiċċji soċjali li l-attur huwa intitolat għalihom in vista tad-diżabilità permanenti severa – it-telf tal-vista soffert minnu, li skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Taqsima III) huma ta' €104.85 fil-ġimgħa. Il-Qorti qiegħda tikkonsidra li fuq medda ta' tlettax-il sena, il-perijodu tal-*multiplier*, it-total tal-pensjoni għad-diżabilità li jkun intitolat għaliha l-attur hija ta' sebgħin elf, tmin mija u tmienja u sebgħin Euro u sittin ċenteżmu (€70,878.60).

---

[39] P.A., 28.10.2019.

[40] Ara d-dokument '*Damages for Loss of Earnings (Disability Scale) Draft Regulations, 2011'* (paġna B8) maħruġ mill-Ministeru għall-Ġustizzja, fejn ir-rata indikata ta' diżabilità permanenti għal-*loss of vision in both eyes (blindness)* hija ta' 85%.

Is-salarju medju ta' €23,786.15 x *multiplier* ta' 13 x 85% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €262,836.96 li meta ridotta b'20% (*lump sum payment*), twassal għas-somma ta' mitejn u għaxart elef, mitejn u disgħa u sittin Euro, u seba' u ħamsin ċenteżmu (€210,269.57), li meta wieħed inaqqas minn din is-somma il-pensjoni tad-diżabilità li ser ikun qiegħed jipperċepixxi l-attur għall-perijodu kollu tal-*multiplier,* jasal għas-somma ta' mija u disa' u tletin elf, tliet mija u disgħin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€139,390.97).

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**
2. **Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fid-9 ta' Mejju, 2016, ġewwa x-Xatt Lascaris, Valletta għall-ħabta tan-12.30pm fejn l-attur ġie mtajjar minn vettura misjuqa mill-konvenut meta dan kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Peugeot 307 bin-numru ta' reġistrazzjoni MU (DBW-018) seħħ tort unikament tal-konvenut u dan minħabba imperizja u negliġenza da parti tiegħu;**
3. **Tillikwida danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' mija u disa' u tletin elf, tliet mija u disgħin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€139,390.97);**

4. **Tordna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**